**Taqsima Ċ: LINGWA**

1. **Biddel in-numri fi kliem.**

    a. Fis-7 t-tifel qam jieħu l-kolazzjon.
    b. Jekk teħdilha 3 laringiet ma jifdlilha xejn għaliha.
    ċ. Is-superstizzjużi jemmnu li n-numru 13 iġib diżgrazzji.
    d. Min qal li fil-ħanut kien hemm 14 raġel?
    e. It-total kellu jkun 119.

**(10 marki)**

2. **Oħloq mistoqsijiet għal dawn it-tweġibiet:**

    a. Jiena niekol għall-ħabta tas-sebgħa.
    b. Luċija marret tara 'l ommha l-isptar.
    ċ. Għall-ħarġa konna ħmistax-il tifel u sitt ibniet.
    d. Is-sewwieq ma setax jara sewwa minħabba ċ-ċpar.
    e. Wara l-mewt ta' missieru Ċensu daħal jaħdem ma' mastrudaxxa.

**(10 marki)**

**Total: 100 marka**

**TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI**



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' *Security Guard* Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Data:** **It-Tnejn 28 ta' Novembru 2022**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet, Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ. Il-kandidati jridu jwieġbu it-TLIET taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

a. Ħadd wara Ħadd jasal ta' kulħadd.
b. Kull għasfur jiftaħar b'rixu.
ċ Għaliex għandna nieħdu ħsieb in-natura?
d. Wara d-daħq jigi l-biki. Ikteb rakkont żgħir.
e. Ħrafa li kont smajt.
f. Xemx u xita Alla jaf meta. **(40 marka)**

## Taqsima B

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha li hemm taħtha.**

### In-Nanna Ġulja

Ma nafx kif spiċċajt ngħix man-nanna Ġulja, hekk, f'daqqa waħda. Konna sitt aħwa, u ma' ommi u missieri konna noqogħdu ġo kerrejja. Kollox f'kamra waħda. Kulħadd jaħbat f'kulħadd. Imma Dijoġnu, għaref Grieg tal-qedem, ġo kartell imsewwes kien jgħammar, jgħidu! U kollox tidra fid-dinja.

In-nanna kienet tħobb tiġi sa għandna u kienet iġġibilna proviżjon sħiħ: ċiċri tal-ħelu kollhom kuluri, boċċi taż-żambuk, u ħelu tas-sugu. Malli kienu jieħdu sehemhom, ħuti kienu jtiru 'l barra. Jien kont nibqa' hemm nagħmel il-homework.

Darba fost l-oħrajn, in-nanna ġiet bħas-soltu. Wara ċ-ċerimonja tat-tqassim tal-ġid, jien intfajt bħalma kont imdorri nagħmel biex inkompli x-xogħol li kelli tal-iskola. Il-homework kont nagħmlu mal-art, mitfugħ qisni żring. Mela dakinhar, waqt li kont aljenat ingerrem il-lapes, nisma' lin-nanna tħabbar id-deċiżjoni tagħha. Riedet teħodni ngħix għandha. Ommi nħasdet u baqgħet bl-istanjata tal-kafè mdendla fuq il-bott tal-enamel, bil-kafè nieżel ma' kullimkien minbarra fil-bott. U jien bqajt bil-lapes f'ħalqi.

Mhux għax għand in-nanna ma kienx jogħġobni, imma almenu setgħu staqsewni kif kont naħsibha! Qisni ma neżistix. Is-sabiħa hi li, meta ġie missieri u ommi qaltlu bil-biċċa, dan ma sab ebda problema, għalkemm ma ħassejtux li ħa r-ruħ! Qal, "U iva, għall-inqas minflok tmint iħluq ikollna wieħed inqas x'nitimgħu." Ix-xjafek! Mela ħalqi kien żejjed?

(silta meħuda min-novella *Ħofra fil-Ġnien* ta' Maria Camilleri, 2020)



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**1. Ikteb "VERU" jew "FALZ" għal kull waħda minn dawn is-sentenzi t'hawn taħt:**

a. L-awtur tas-silta kien jgħix waħdu d-dar mal-ġenituri tiegħu.

b. Id-dar tal-awtur kienet żgħira ħafna u mhux komda.

ċ. Fl-ewwel paragrafu l-awtur jagħmel paragun ma' Dijoġenu biex juri li seta' sab ruħu f'qagħda agħar.

d. In-nanna kienet tmur għand il-familja tal-awtur b'idha vojta.

e. Iż-żjara tan-nanna kienet tagħti ċans lill-awtur joħroġ jilgħab barra fit-triq.

**(20 marka)**

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont is-silta:**

a. Semmi **żewġ** raġunijiet għaliex taħseb li l-awtur kien jagħmel il-homework mal-art.

b. Xi tfisser is-sentenza **mela ħalqi kien żejjed** skont kif jużaha l-awtur fl-aħħar tas-silta?

ċ. Għaliex l-awtur ħassu ddispjaċut għad-deċiżjoni tan-nanna u l-ġenituri tiegħu?

d. X'tikkonkludi fuq dak li jgħid il-missier b'reazzjoni għad-deċiżjoni tan-nanna?

e. Għaliex taħseb li l-awtur jgħid *Mhux għax għand in-nanna ma kienx jogħġobni* ? Agħti **żewġ** raġunijiet għaliex taħseb li l-awtur ried imur jgħix man-nanna.

**(20 marka)**